MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 473/2012

**Konrad Grech ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta KPMG**

**vs**
**Specialty Finance Limited (C48023)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Konrad Grech ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta KPMG, fejn dan wara li ppremetta illi:

Is-socjeta konvenuta ghandha thallas lid-ditta attrici s-somma ta’ tmienja u erbghin elf tmin mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u sittin Ewro cent (€48,868.68) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas ta’ servizzi rezi lis-socjeta’ konvenuta kif jirrizulta mill-istatement hawn anness bhala Dok. A.

Dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Fil-fehma tal-attur nomine rikorrenti is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tal-attur nomine jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Talab is-socjeta intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine rikorrenti ssomma minnha dovuta ta' tmienja u erbghin elf tmin mija u tmienja u sittin Euro cent (€48,868.68) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness bhala Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru datat 23 ta' April, 2012 u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Novembru 2010 'l quddiem kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti gudizzjarji taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata Specialty Finance Limited, baqghet ma deheritx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti.

Ikkunsidrat illi Konrad Grech ghan-nom ta' KPMG issodisfa lil din il-Qorti sal-grad li trid il-ligi illi dak li qed titlob is-socjeta' KPMG huwa fil-fatt dovut.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Specialty Finance Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------